MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 908/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**KURT GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kurt Grech ta’ 32 sena, bin Angelo u Caroline nee’ Pulis, mwieled Pieta’ nhar it- 22 ta’ Mejju 1977, residenti fil- fond numru 154, Dar il- Vapur, Triq il- Kunvent, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 250177(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 14 ta’ Jannar 2009 filwaqt li kien fl- inhawi tal-Milord, limiti Xghajra u Zabbar, ghall- habta tat- 3.00pm minghajr hsieb li jotqol jew li jqieghed il- hajja ta’ Raymond Cutajar miz- Zurrieq f’ periklu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. Maria Stella Caruana MD (warrant mediku bin- numru 2069), it- tabiba tac-Centru tas- Sahha ta’ Rahal Gdid, liema ferita iggiblu mankament jew sfreggju fil- wicc;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-incident mertu ta’ din il-kawza. Il-provi tal-prosekuzzjoni kien fihom wisq konflitt bejniethom biex johrog kwadru tal-fatti li hu konsistenti. Hu minnu li Raymond Cutajar sofra griehi gravi fid-data indikata, izda ma giex ippruvat li tali griehi gew ikkawzati mill-imputat. Anzi, il-Qorti hi aktar propensa temmen il-verzjoni tal-imputat stess ta’ kif graw l-affarjiet, milli l-verzjoni moghtija minn Cutajar. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat, wiehed mis-sidien tal-kumpanija ta’ kostruzzjoni maghrufa bhala tal-Milord kienu qed jaghmlu xoghol fuq sit taghhom. Dan jigi biswit sit iehor ta’ kostruzzjoni, fejn kien hemm Cutajar u haddiema ohra jahdmu. Gara li dak inhar, Cutajar mar fuq dan is-sit bil-“crane” tieghu u ghalaq l-access ghas-sit l-iehor, fejn kien qed jahdem l-imputat. Wara ftit kliem u diverbju daqsxejn imzewwaq, Cutajar ressaq il-“crane” halli jghaddu l-ingenji tal-Milord. Wara ftit Cutajar rega’ qieghed il-“crane” f’ dan il-passagg u hekk rega’ ghalaq l-access ghas-sit in

kwistjoni. Il-haddiema tal-Milord regghu talbuh iressaq l-ingenju, minhabba li kellhom il-konkos fit-trakk li kien ser jaghqad, izda dan irrifjuta. Qam battibekk bejn tal-Milord u ta’ Cutajar, u dan ta’ l-ahhar sofra griehi.

Il-Qorti tara li l-verzjoni moghtija minn Cutajar, u cioe’ li l-imputat hebb ghalih, imbuttah bis-sahha u sabbtu ma’ kantuniera ta’ hajt hi inverosimili. Fl-ewwel lok, mic-certifikat mediku ma giex konstatat li Cutajar kellu ugigh f’ dahru jew f’ ghonqu, haga lit kun kompatibbli ma’ daqqa konsiderevoli minn wara, meta’ ma tkunx qed tistenna li xi hadd jaggredik. Fit-tieni lok, anke x-xhieda tal-prosekuzzjoni juru li Cutajar gab ruhu ferm hazin dakinhar, sew bil-fomm kif ukoll bl-agir tieghu. Dan jaghmlu anqas kredibbli f’ ghajnejn il-Qorti, u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------